**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 172/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Andrew Bezzina**

**Illum, 20 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Andrew Bezzina,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 647582M.
>
> Nakkuzah talli nhar id-19 ta' Marzu 2015, ghall-habta tat-15:00 ta' wara nofsinhar, minn Triq Lapsi fis-Siggiewi:
>
> 1. Ikkommetta serq (ta' musmar tal-kostruzzjoni) liema serq huwa aggravat bil-valur (ta' valur ta'

izjed minn €2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa ghandu u hwejjeg misruqa, (cioe' musmar tal-kostruzzjoni, ta' valur ta' izjed minn €2329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan bi ksur ta' artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Andrew Bezzina, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi."

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat[1].

Rat il-verbal tas-06 ta' Lulju 2020 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti.

---

[1] A folio 185 tal-process.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Settembru 2020 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

U wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261 (c) u (g), 267, 271, 279 (b), 280(1), 289, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal hmistax-il xahar prigunerija.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur